MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## REFALO JOSEPH S.

Seduta ta' 01 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 2345/2002

**The Food House Limited**
**vs**

**Easysell Caterers Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fis-26 ta' Settembru, 2002 fejn intalab il-hlas ta' tmien mija u hamsa u disghin lira Maltija u erbgha u disghin centezmu (Lm895.94) ammont bilancjali dovut ghall-merkanzija mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta;**
**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tas-17 ta' Lulju, 2002, u bl-imghax legali mit-18 ta' Marzu, 2002, data ta' l-ahhar konsenja sal-effettiv pagament, kontra s-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra n-nota prezentata mis-socjeta` konvenuta fl-24 ta' Ottubru, 2002, li biha ammettiet t-talba kif dedotta fl-avviz.**

**Ghaldaqstant fuq ammissjoni, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici, u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tmien mija u hamsa u disghin lira Maltija u erbgha u disghin centezmu (Lm895.94) bl-imghaxijiet legali mit-18 ta' Marzu, 2002, sal-effettiv pagament.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tas-17 ta' Lulju, 2002, ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**